2026/2145

23.9.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2145

tat-22 ta' Settembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2021/1875 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/1875 ([1]), li tistabbilixxi l-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti għall-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit dwar l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet kondiviżi, inkluż stokkijiet tal-baħar fond, skont l-Artikolu 498 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") ([2]). Matul il-proċess ta' konsultazzjoni, il-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet f'isem l-Unjoni abbażi tal-pożizzjonijiet tal-Unjoni speċifikati mill-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, filwaqt li tiżgura koordinazzjoni mill-qrib mal-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(2) F'Lulju 2023 sar rieżami tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1875 u ġie konkluż li ma kienet meħtieġa l-ebda emenda. Minħabba li l-ebda kwistjoni ta' implimentazzjoni ma ġiet identifikata minn dak iż-żmien 'l hawn, id-Deċiżjoni (UE) 2021/1875 tibqa' adegwata għall-iskop tagħha.

(3) Id-Deċiżjoni (UE) 2021/1875 tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027. Għalhekk huwa xieraq li tiġi estiża l-applikazzjoni tagħha fir-rigward tal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit dwar l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet kondiviżi, peress li l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet jenħtieġ li jiġi implimentat fid-dritt tal-Unjoni.

(4) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq rieżami dwar l-implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjoni (UE) 2021/1875. Ir-rieżami jenħtieġ li jivvaluta jekk humiex meħtieġa xi reviżjonijiet u, jekk ikun xieraq, ir-rieżami jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn proposta għal reviżjoni.

(5) Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat immedjatament u b'mod sħiħ, f'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2021/1875 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni (UE) 2021/1875, l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej

"*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2038.

Hija għandha tiġi rieżaminata kif meħtieġ u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, għandu jsir rieżami sal-31 ta' Diċembru 2036.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1875/oj).

([2]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE